MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2011

Numru 907/204

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)
vs

Anthony Grech
Justine Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 231583M u 521984M rispettivament, akkuzati talli gewwa Birzebbuga nhar is-7 ta’ Awissu 2011, f’xi hin bejn is-13:00hrs u s-13:30hrs:

1. waqt li kienu qeghdin il-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta’ 3 basktijiet b’kontenut ta diversi oggetti fosthom zewg mobile phones, flus contanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li

jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro u dan sar ghad-dannu ta' Deborah Cassar u Dylan Fiteni u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, hin u f'dawn il-gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun imdahhal biex ibieghuhom jew imexxuhom liema reat jikkonsisti f'serq li huwa aggravat bil-valur

3. fis-7 ta' Awissu 2011 f'dawn il-Gzejjer, naqsu milli jharsu xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. J. Apap Bologna LL.D fid-digriet tieghu li bih tahhom il-helsien mill-arrest taht garanzija.

Ghaldaqstant, il-Qorti mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imputati kif ukoll tarresta mill-gdid lill-imputati.

Il-Qorti mitluba sabiex is-somma bhala garanzija personali fil-kundizjonijiet imposti mill-Qorti ppreseduta mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D fid-digriet li gie mghoti nhar is-27 ta' Lulju 2011, tigi mghodijja lil Gvern ta' Malta u dan kif stipulat fl-Artiklu 579 tal-Kap 9 u l-Artiklu 16 (1) tal –Att numru 16 tas-2006. F' kaz ta' htija l-Qorti mitluba sabiex titratta ma' l-imputati li huma recedivi.

Semghet lill-imputati jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni insistew anke wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Ir-reati kontestati lill-imputati huma ta' serq, ricettazzjoni u l-ksur tal-kundizzjonijiet imposti fuqhom minn Qorti f'digriet tal-ghoti lilhom mill-helsien tal-arrest.

L-ewwel u t-tieni akkuza huma in alternattiva ta' xulxin.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata taghhom, l-Qorti qeghdha tiddikjara l-imputati hatja tal-ewwel u t-tielet akkuza.

Hi tal-fehma li taghti lill-imputati l-ahhar opportunita' biex jirriformaw ruhhom u qeghdha ghaldaqstant tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggihom taht il-harsien ta' Ufficjal tal-Probation ghal tlett snin mill-lum wara li rat l-Artikolu 261(c), 279 u 579 tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabilitajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------